# Il-Familja Diacono



L-istorja mużikali tal-familja Diacono teħodna lura lejn l-aħħar snin tal-Kavallieri f'Malta. Meta l-Granmastru Ġermaniż Fra Ferdinand Van Hompesh għolla liż-Żejtun għad-dinjità ta' Belt – Il-Belt Beland – wieħed min-nies l-aktar magħrufa ġewwa ż-Żejtun kien in-negozjant tal-qotnina Giobatta Diacono li kien joqgħod fil-bidu ta' Triq Santa Katarina eżattament fejn illum hemm il-każin Beland. Dan il-palazz inbena fl-1813 kif tixhed pittura f'waħda mis-swali antiki tiegħu. L-ewwel mara ta' dan Giobatta kienet Francesca Busuttil min-Nadur, li pero' mietet ta' età żgħira. It-tieni mara tiegħu kienet Katarina Mangion. Minn dan it-tieni żwieġ twieled Orazio, missier Carlo, wieħed mill-ħafna wlied ta' Giobatta.

Minbarra n-negozju tal-qotnina Giobatta kien ukoll mużiċista u hekk lejn is-sena 1829 fiż-Żejtun insibu diġa' orkestra mmexxija minnu stess li kienet isservi ta' divertiment għall-poplu. Insemmu din is-sena għaliex f'Jannar ta' l-1830 kien jinsab fiż-Żejtun il-mużiċista Naplitan Michelino Deferraris li l-istess Giobatta ġab hawn Malta biex jirriformalu u jikkomponi għal din l-orkestra taż-Żejtun. Ittra ta' l-istess Deferraris li tinsab fl-arkivju tas-Soċjetà Beland jikkonfermaw dan. Mal-mewt ta' Giobatta fl-1949 l-orkestra għaddiet f'idejn Orazio, ukoll mużiċista, li dejjem bil-għajnuna ta' Mro Deferraris kompla fejn ħalla missieru. Lejn l-1860 Orazio u Deferraris qalbu din l-orkestra fil-**Banda Beland** u b'Orazio Diacono bħala l-ewwel surmast. F'dan l-ambjent twieled u trabba l-Kompożitur Carlo Diacono.

**Carlo Diacono** twieled iż-Żejtun nhar l-1 t'April 1876. Sa minn ċkunitu wera ġibda kbira lejn l-arti mużikali u taħt it-treġija ta' missieru Orazio, beda l-istudju mużikali tiegħu. Wisq probabbli li f'dan iż-żmien ħa wkoll xi tagħlim mingħand is-surmast kompożitur naplitan Michelino Deferraris, li kien midħla sewwa tal-familja Diacono. Ta' għaxar snin ħareġ idoqq il-kwartin mal-Banda Beland fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u ftit wara kkompona l-ewwel innu ad unur Santa Katarina. Fis-sena 1892 beda l-istudju tiegħu għand il-magħruf Prof. Paolino Vassallo li kien għadu kif irritorna lura Malta minn Pariġi u kien fetaħ skola tal-mużika ġewwa l-Belt Valletta. Taħt Vassallo, Carlo tgħallem nistgħu ngħidu f'daqqa kif kien stqarr l-istess Vassallo. Fl-1 t'April, 1987 huwa ġie maħtur surmast direttur tal-Banda Beland liema karigu baqa' jżomm sas-sena 1903, meta minħabba l-istudju kellu jħalli 'l banda u għalhekk il-Kumitat kien ħatru Surmast Onorarju għal għomru, ħatra li baqa' jgħożż sa mewtu. Aktar tard insibu li għamel xi snin bħala Surmast Direttur tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.

Meta fit-22 ta' Novembru, 1903 l-Papa San Piju X xandar il-famuż **Motu Proprio** Mro Diacono beda jikkomponi fuq il-parametri tiegħu. Kien hawn li l-fama tiegħu xterdet mhux biss ma' Malta kollha iżda anke barra minn xtutna. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq illi Diacono kien wieħed mill-aqwa esponenti, jekk mhux l-aqwa, tal-Motu Proprio f'pajjiżna. Kien biss ftit xhur wara, f'April 1904 li Diacono esegwixxa disa' responsorji tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa l-knisja arċipretali taż-Żejtun, waqt il-priedka tat-tlett sigħat.

B'digriet tal-Kurja tat-18 ta' Diċembru, 1899 huwa nħatar organista tal-Knisja Arċipretali ta' raħal twelidu.

Fl-1918 l-opra tiegħu **'L-Alpino'** marret in xena għal disa' darbiet bejn is-16 t'April u t-2 ta' Mejju, waħda mill-opri ta' kompożituri Maltin l-aktar li ttellgħu fl-ewwel staġun tagħhom. F'Novembru ta' l-1919 huwa kkompona l-Innu Immortali "A Santa Caterina – (Del Sacri Ministri) għall-Banda Beland u ġie

esegwit għall-ewwel darba mill-istess banda fil-festi ċentenarji tal-paroċċa f'Novembru 1920 fil-preżenza ta' l-istess kompożitur. Skond il-kritiku mużikali Joe Vella Bondin dan l-innu huwa "xogħol meraviljuż, wieħed mill-aqwa ispirazzjonijiet assoluti li għandna Malta f'din il-forma mużikali.

Fid-9 ta' Frar 1923 l-Arċisqof Dom Mauro Caruana ħatru Maestro di Cappella tal-Kattidral wara l-mewt ta' Prof Vassallo u mingħajr ma resaq għall-konkors. Il-mużika tiegħu ġiet esegwita fil-British Empire Exhibition ġewwa Wembley fl-1924 fejn ġie kklassifikat fit-tielet post u mogħti midalja u ċertifikat. Fis-sena 1938 ġiet esegwita wkoll fil-Bażilika ta' Massenzju ġewwa Ruma, fl-1942 ġewwa Kajr fl-Eġittu u fl-1957 ġewwa New York fl-Istati Uniti. Fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda tar-Re Ġorġ V fl-1935 huwa idderieġa 37 banda f'daqqa fil-Main Guard quddiem il-palazz.

Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu żewġ opri, 'L-Alpino' u 'Villa Azzurra' li mhux kompluta, tlett oratorji **'Cantico di Frate Sole', 'Transitu Divini Antoni'** u **'San Paolo Evangelizza I Maltesi'**, bosta kantati, prejudji għall-orkestra, overtures, għadd kbir ta' quddies solenni u tal-mejtin, salmi, antifoni għal diversi festi, romanzi, innijiet kemm sagri kif ukoll profani kif ukoll għadd ta' marċi, l-aktar funebri.

Il-Ġenju mużikali tiegħu ġie magħruf u mfaħħar minn bosta kompożituri barranin fosthom Felice Lattuada, Lorenzo Perosi, Licino Refice, Ildebrando Pizzetti u Ottorino Respighi. Il-kbir kompożitur Mascagni meta ġie muri xi kompożizzjonijiet ta' Carlo stqarr illi **"Quest'uomo non sa quanto sa"** (Dan il-bniedem ma jafx hu stess kemm jaf).

Il-Mużika tiegħu għadha tiġi esegwita fil-festi ta' diversi parroċċi, kemm f'Malta kif ukoll ġewwa Għawdex.

Carlo Diacono miet fil-15 ta' Ġunju,1942 ġewwa Hal Lija fejn kien mar rifuġjat minħabba l-gwerra, u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku ż-Żejtun skond ix-xewqa tiegħu stess.

L-aħħar esponent tal-familja Diacono kien **is-Surmast Frankie Diacono,** iben Carlo, imwieled iż-Żejtun fl-1914 Frankie tgħallem taħt missieru u mexa fuq il-passi tiegħu bħala organista u Maestro di Cappella. Mal-mewt ta' missieru, Frankie ħa f'idejh it-treġija u r-responsabbilita' kollha tal-Cappella Diacono u minkejja ħafna diffikultajiet irnexxielu jibqa' jżomm il-biċċa l-kbira tal-festi ta' diversi parroċċi kemm f'Malta kif ukoll ġewwa Għawdex. Il-Mużika ta' Diacono ilha tiġi esegwita f'Għajnsielem mill-1965 sal-lum fejn din il-festa kienet bil-wisq għal qalbu kif tixhed l-istess bintu Maria li għadha mimlija bl-għomor. Bħala kompożitur ftit għandu xogħlijiet għajr barkarolli, intermezzi, marċ funebru u kompożizzjonijiet żgħar oħra. Naturalment kellu aktar minn biżżejjed biex ikun jista' jmexxi l-Cappella Diacono bix-xogħlijiet ta' missieru. Fis-sena 1990 huwa ħalla t-treġija lil **Dun Ġwann Galea**, ħatra li għadu jżomm sa llum.





Is-Surmast Frankie Diacono ħalla dan il-Wied tad-dmugħ fl-20 ta' Marzu 1999 u jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku fil-qabar tal-familja. Fil-funeral tiegħu ħadet sehem il-Banda Beland li tagħha kien Surmast Onorarju.

Il-mewt tiegħu fissret it-tmiem ta' l-aħħar membru tal-familji kbar li mexxew il-Kappelli Mużikali li ddominaw il-mużika Liturġika Maltija għal aktar minn żewġ sekli.

**Ħajr lil Charles J Debono għal dan it-tagħrif.**

*Loreto Galea*

**Arkivista u Delegat tal-Banda**